# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta’ l-14 ta’ Frar 2023

Kump. Numru 69/2018 YMS

**Il-Pulizija**

**[Spettur Fabian Fleri**
**Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

Aaron Steven Stewart Edward Ritchie bin Edgar u Jeanette xebba Rainer, imwieled il-Pietà nhar is-sbatax (17) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u erbgha u tmenin (1984) u residenti 45, Dawret ix-Xatt, Xghajra u detentur tal-karta tal-identità numru 77000L,

Akkuzat talli:

1. **Bejn nhar l-24 u t-28 ta' Dicembru 2017, minn gewwa l-appartament bin-numru 407, li jinsab fl-A3 Towers gewwa Triq il-Kanonku Carmel Bologna, Paola, ikkommetta serq ta' gojjellerija u flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedi is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Terrie Zammit u/jew persuna/i ohra, [Art. 261, 263, 267, 269, 278 (3), 279 (b), 280 (1), 281 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta].**

2. **Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr J. Mifsud LL.D. datata 11 ta' Ottubru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u aktar talli;**

3. **Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Din l-Onorabbli Qorti ntalbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-Imputat, Aaron Steven Stewart Edward Ritchie, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat li l-Imputat kien wiegeb waqt l-ezami tiegthu li mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u dan waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2018;[1]

1. Rat in-nota bil-kunsens tal-Avukat Generali tal-14 ta' Dicembru 2020 sabiex, ai termini tal-Artikolu 370 (3) tal-Kap. 9, li mill-kumpilazzjoni tista' tinstab htija jew htjiet ai termini tal- l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 278 (1) (2) (3), 279 (a) (b), 280 (1) (2) u 281 (a) tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta];
2. L-Artikoli 22 (1) (2) (3) u 23 (1) (a) (2) tal-Att dwar il-Probation [Kapitolu 446, Ligijiet ta' Malta];

[1] A fol. 5

3. L-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta];
4. L-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta].

Rat id-dikjarazzjoni tal-Imputat li ghamel waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2021 li m'ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din l-Onorabbli Qorti;[2]

Semghet ix-xiehda viva voce prodotti mill-Prosekuzzjoni;
Rat li l-Imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat il-Procès-Verbal[3] u ezaminat ir-relazzjoni tal-esperti;[4]

Rat is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' Marzu 2014 ippresjeduta mill-Magistrat Dr Ian Farrugia; dik tat-3 ta' Mejju 2012 ippresjeduta mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli; dik tat-18 ta' Gunju 2012 ippresjeduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri; dik tal-25 ta' Jannar 2013 ppresjeduta mill-Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia; dik tat-12 ta' Ottubru 2012 ppresjeduta mill-Magistrat Antonio Mizzi;

Rat ir-Rapporti tal-Ufficjal tal-Probation tas-17 ta' Jannar 2020[5] u tas-7 ta' Mejju 2020[6] u tal-15 ta' Dicembru 2020[7], tat-23 ta' Marzu 2021[8].

Rat il-verbal taghha tat-22 ta' Ottubru 2019, fejn din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-impronti digitali tal-Imputat jigu komparati ma' dawk elevati minn PC 844 Carl Micallef.

Rat l-atti kollha;

Rat it-trattazzjoni tal-partijeit

Rat- li l-kawza dhaliet ghas-sentenza

[2] A fol. 431
[3] A fol. 181
[4] A fol. 68 sa fol. 95
[5] A fol. 354
[6] A fol. 360
[7] A fol. 395
[8] A fol. 427

IKKUNSIDRAT

L-Ispettur Hubert Cini xehed bil-gurament li nhar it-28 ta' Dicembru 2017 ghall-habta tat-tlieta ta' fil-ghodu (03:00 am) kien ircieva telefonata minghand is-surgent 1257 Conrad Ellul li s-Sinjura Teresa Zammit residenti fl-Appartament 407, A3 towers, Paola kienet cemplet l-ghassa u rrapurtat li kienet ghadha kif irritornat minn barra minn malta u sabet li xi had kien dahliolha fl-appartament u serqilha diversi oggetti li kienu jikkonsistu inter alia zewg crieket tad-deheb bid-djamanti, lazz tad-deheb, gizirana rqieqa ta' missierha, ammonti ta' flus kontanti u zewg nuccalijiet li wahidhom kienu jiswew €350 l-wiehed. L-ammont tal-oggetti misruq tela' ghal madwar ghaxart elef Euro u dan skont kif kienet qaltlu d-derubata. Il-Pulizija Ezekuttiva accediet fuq il-post u l-Magistrat Aaron Bugeja hatar diversi esperti u scene of the crime officers sabiex jinvestigaw. Is-Sinjura Terese Zammit ghaddiet lill-Pulizija video mehud mis-sistema ta' CCTV taghha stess. Huwa pprezenta stills minn dan il-filmat[9]. Huwa hareg ir-ritratti fuq il-wanted list tal-Pulizija u gie infurmat minn Surgent tas-CID mill-ufficcju tal-Ispettur Fleri li kien gharaf lill-Imputat Aaron Ritchie mir-ritratti. Inhareg mandat u nhar it-12 ta' Jannar 2018 kien gie arrestat l-Imputat. Ix-xhud spjega kif waslu biex jidentifikaw lill-Imputat, u cioé, "*Fuq ta' l-imnieher ghandu misluta minn naha ghal ohra plus li kif jidher ukoll fis-CCTV mir-ritratti ghax qadt naghmilhom wiehed, wiehed, it-tattoo li ghandu fuq idu jekk mhux sejjer zball ix-xellugija…*"[10] Sar tiftix ghall-oggetti izda ma nstabux. Kellhom valur sentimentali ghax gizirana partikolari kienet ta' missier id-derubata.

Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2018, Terese Zammit xehdet li hija kienet siefret ghal Londra biex ticcelebra gheluq snin it-tifla taghha fi zmien il-Milied. Hija rritornat Malta nhar is-27 ta' Dicembru 2017 u marret lura d-dar, cioé, Apartment 407, A3 Towers, Triq Kanonku Carmel Bologna, Paola. Meta dahlet fir-residenza taghha ma sabitx taqlib "*kollox in ordni, kollox stivat kif suppost.*"[11] Dan kien fis-siegha u nofs ta' fil-ghodu. Wara li raqdet lit-tifla minuri taghha, ix-xhud dahlet fil-walk-in wardrobe taghha u sabet li kellha basket tal-marka Guess nieqes u gakketta mitfugha mal-art hdejn il-kxaxen. Giha suspett u marret tara l-kexxun fejn kellha merfughin

[9] A fol. 33 sa fol. 34
[10] A fol. 31
[11] A fol. 41

l-affarijiet, u cioé, kaxxa tal-injam mimlija gojjellerija li kienet tinkludi deheb li kien jappartjeni lid-defunt missierha. Hija ddeskriviet il-gojjellerija li kellha jigifieri, gizirana tal-ghonq ohxon l-antika, djamanti li kien irregalalha l-partner taghha, zewgt icrieket kbar hafna u jiswew hafna flus, "*crieket illi missieri kien ta lil ommi, wiehed minn dak l-ohxon u qabel kienu l-antika il-hoxnin imbaghad ikollhom tnejn irqaq qishom immaljati maghhom, kelli iehor ta' d-deheb b'sitt fossiet fuqu*."[12] Ix-xhud ipprezentat ghadd ta' ritratti li juru lilha liebsa whud mill-gojjellerija li ddeskriviet.[13] Hija ma kellhiex fil-pussess taghha ricevuti ghax kienet ircieviet uhud minnhom bhala rigal minghand il-partner taghha. Hija kienet ghamlet elenku u ghaddietu lill-Pulizija meta marret taghmel ir-rapport tas-serqa. Naqsulha wkoll l-imsielet tal-holqa tad-deheb, gizirana irqieqa b'salib, tlett nuccalijiet ta' d-ditti Tom Ford, Bulgari u dior, u hafna costume jewellery tad-ditti Michael Kors, Yves St Laurent. Ix-xhud qalet li b'kollox l-oggetti misruq kienu jgibu valur ta' aktar minn hamsin elf Euro. Insterqulha wkoll tlett elef Euro flus kontanti. Emozzjonata hija kienet cemplet lil Habiba taghha li qaltilha ccempel lill-Pulizija u hekk ghamlet. Ghal mistoqsija ta' din l-Onorabbli Qorti, ix-xhud qalet li lbieb tal-appartament nfetah normali ghax min seraqha ma dahalx mill-bieb ta' barra izda mix-shaft. Hija kkonkludiet li dahal mix-shaft mill-footage tal-video camera. Hija qalet li kellha CCTV camera wahda quddiem il-bieb tad-dar taghha. Hija rat il-filmat biex tara kienx hemm xi hadd id-dar, "*… issa f'dik l-indana hemm tieqa ta' shaft u dik tigi ezatt faccata ta' l-bathroom tieghi…*" Hija waslet ghal din il-konkluzjoni peress li "*… ma' l-hajt ghandi ... il-footprints…*"[14] Hija waslet ghal din il-konkluzjoni fuq dak li qalulha l-Pulizija u mhux mis-CCTV. Hija qalet li "*Imbaghad hu jidher li minn dik l-indana, dahal b'xejn u nizel b'basket. Dak il-basket li jiena tajt l-ewwel testimonjanza tieghi ma' l-Pulizija li kien ta' l-Guess ghax kelli tlieta u wiehed kien missing u l-gakketta ma' l-art biex tefa' l-affarijiet fih.*"[15] Hija kienet hadet il-footage f'CD u taghtu lill-Ispettur Cini. L-apparat u cioé l-camera ghaddietu lill-Pulizija u jinsab in atti.[16] Ix-xhud waqt l-istess seduta identifikat lill-Imputat meta qalet: "*Naghraf lil dik il-mara li hija neighbour u lil Aaron I mean nafu by sight. Meta kien il-habs kien jahdem ma' t-tifel ta' n-neighbour u dejjem kien isellimli, sejjem sellimtlu lura, qatt ma kellna full conversation imma, qatt ma tkellimna kif inti jew.*"[17]

---

[12] A fol. 43
[13] A fol. 62 sa fol. 68
[14] A fol 56
[15] A fol. 57
[16] A fol. 58 re: Dok. HC 8
[17] A fol. 59

PS1257 Conrad Ellul xehed bil-gurament u kkonferma r-rapport li kien hejja hu dwar is-serqa rrapurtata lilu nhar it-28 ta' Dicembru 2017.[18]

L-Ispettur Fabian Fleri xehed li "*Dan il-filmat gie iccekjat kollu u ... irrizulta illi fis-26 ta' Dicembru, jigifieri boxing day bejn il-hamsa nieqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar u l-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar, persuna liebes gakketta bil-hood jitla' jinzel ghal diversi drabi, jinzel u jitla' t-tarag u jiccekkja anke l-bieb ta' l-appartament ta' s-Sinjura jinfetahx. Hin minnhom jitla' fuq u wara temp ta' ghaxar minuti jidher jinzel it-tarag u f'idu kellu basket fejn qabel ma kellux basket. Ahna konna ikkuntatjajna l-vittma, kienet giet ukoll u urejniha u vverifikat li dak il-basket li jidher bih dan il-persuna huwa l-istess basket li kien fih il-gakketta li sabet ma' l-art fl-appartament taghha jigifieri dak il-basket gie mill-appartament taghha. Ergajna iccekjajna l-filmat bil-mod u hin minnhom il-persuna li kien bil-hood wiccu jidher mill-camera u jiena anka s-surgent li qieghed mieghi l-ufficju gharafna l-persuna bhala l-imputat Aaron Steven Ritchie u dana gharaftu ghax anka kelli ukoll qabel mieghu. Irrizulta ukoll li hin minnhom mill-footage, il-komma titlaghlu ta' idu u jidher it-tatoo li ghandu bejn is-seba' il-werrej u s-seba' z-zghir fuq idu li huwa l-istess wiehed li ghandu l-imputat plus hekk dak iz-zmien l-imputat kellu misluta partikolari li qieghda ezatt fuq il-bridge ta' l-imnieher jigifieri bejn ix-xaghar ta' l-ghajnejn li huma zewg staddijiet u din tidher ukoll f'dan il-filmat.*"[19] Meta arrestaw lill-Imputat u urewh il-filmat, huwa baqa' jsostni li ma kienx hu l-persuna li kien wettaq dan ir-reat. L-Imputat irrilaxxja stqarrija f'dan ir-rigward. Ix-xhud qal li mill-investigazzjonijiet li saru il-kumpannija tal-komunikazzjoni GO ikkonfermat in-numru li kellu rregistrat f'ismu l-Imputat u "*... fil-hinijiet li ghandi kemm spjegajt mill-hamsa nieqes ghoxrin sa l-hamsa u kwart ta' fil-ghaxija, dan il-mobile kien qieghed by triangulation, bdew jaqbduh ir-repeaters illi hemm ta' l-kappella ta' Rahal Gdid isfel, in-nhaha t'isfel, ta' s-Super One Television u l-ohra qieghda iktar 'il fuq fejn il-pompa ta' l-petrol ta' t-tegha ta' Kordin, inti u tiela' qabel ma taqbad ir-roundabout biex titla' jew lejn Kordin jew lejn il-Moskea u by trianguilation tigi ezatt fejn hemm l-A3 towers.*"[20] Huwa pprezenta CD immarkat bhala Dok. FF u l-istqarrija tal-Imputat li kienet ittiehdet nhar it-13 ta' Jannar 2018 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa qal li "*… jiena kont elevajt il-multiplexer kollu, ir-recorder kollu minghand is-Sinjura Teresa Zammit u s-Sur Hubert Cini kien esebih*

[18] A fol. 69 sa 70 re Dok. HC 7
[19] A fol. 96 u fol. 97
[20] A fol. 97 u fol. 98

*f'din il-Qorti u fil-fatt kienet intalbet biex Martin Bajada johrog il-filmat huwa.*"

PC 1216 Svetlic Stellini xehed u kkonferma r-rapport dwar is-serqa de quo[21]. Huwa qal li kienu "*… inhatru l-esperti ta' l-forensika li gew fuq il-post u elevaw il-marki ta' swaba u eccetra, eccetra, qabel ma tlaqna ukoll, is-Sinjura kienet qaltilna li hemm fil-kamra ta' l-banju kien hemm pass li qed tghid li ma huwiex taghha.*"

PS 1337 Kevin Curmi xehed li kien hareg id-debita ricevuta lid-derubata meta l-Pulizija Ezekuttiva gabru d-digital video recorder minghandha.

Dr Katya Vassallo xehdet bil-gurament li hija kienet ittraskreviet l-istqarrija tal-Imputat u pprezentat it-traskrizzjoni flimkien mas-CD (Dok. FF 1)[22] fis-seduta tas-16 ta' April 2019[23].

PC 1525 Patrick Farrugia xehed li kien acceda fuq il-post tas-serqa u u ha r-ritratti tax-xena tar-reat kollha flimkien ma' xi evidenza ohra li nstabet kemm waqt li kien ghaddej bix-xoghol u kemm b'rizultat tax-xoghol li ghamel il-kollega tieghu il-kuntistabbli 844 Karl Micallef. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li tinkludi disgha u ghoxrin (29) ritratt bil-kulur tas-scene of the crime.

PC 844 Carl Micallef xehed li "*Gewwa l-fond saru diversi ezamijiet ghal impronti digitali u gew misjuba hamsa*." Huwa qal ukoll li kienu gew misjuba zewg marki taz-zraben gewwa l-kamra tal-banju. Ix-xhud ipprezenta dawn l-impronti flimkien mar-ritratti taghhom.[24]

Joseph Mallia xehed kif fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2021 fuq ordni tal-Qorti kien gie awtorizzat jiehu kopja tal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tl-Imputat u kien gie awtorizzat jirtira d-Dokumenti 17 Dak 301 sa 305 li kienu gew esebiti minn PC 844 Carl Micallef. Fuq ordni tal-Qorti huwa kien intalab jikkompara l-impronti. Huwa pprezenta r-rapport tieghu.[25] Huwa kkonkluda li "*… hemm impronti tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni u ohrajn li ma kinux u dawk li kienu tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni l-ebda wahda ma kienet taqbel ma' dawk tas-Sur Ritchie.*"[26]

[21] A fol. 109, re: Dok FF 3
[22] A fol. 157
[23] A fol. 158 sa fol 174
[24] A fol. 328 sa fol 230A
[25] A fol.413 [Dok. JM]
[26] A fol. 411

Il-Perit Dr Robert Musumeci xehed[27] li fl-inkjesta huwa kien gie nominat espert tekniku sabiex jaccedi l-fond li jinsab A3 Towers, Appartament 407, Triq il-Kanonku Karm Bologna, Rahal gdid. Huwa ghamel ir-rapport tieghu[28] li fih jinkludi x-xiehda bil-gurament tad-derubata Therese Zammit kif ukoll pjanti skalati tas-sit in kwistjoni.

Dr Martin Bajada ikkonferma r-rapport tieghu wara li giem mitlub jezamina s-CCTV footage.

Anthony Bonnici mis-socjetà kummercjali GO p.l.c. ikkonferma bil-gurament li permezz ta' l-ittra tat-22 ta' Jannar 2018[29] kien intalab jipprovdi informazzjoni rigwardanti zewg numri tat-telefon cellulari b'mod partikolari "*The localisation details with internet data of the mentioned mobile numbers between the 1st December 2017 and 20th January2018 both days included.*" Din l-informazzjoni bil-localisation tinsab in atti a fol. 387.

IKKUNSIDRAT

Dan il-kaz jikkoncerna serqa li skont rapport li sar lill-Pulizija Ezekuttiva u ix-xiehda *viva voce* tad-derubata hawn citata giet irraportata li sehhet nhar is-26 ta' Dicembru 2017 bejn il-hamsa nieqes tlettax-il minuta ta' wara nofs inhar u l-hamsa u kwart ta' wara nofs inhar. Insterqu oggetti ta' gojjellerija u hwejjeg ohra inkluz basket tal-marka Guess mill-Appartament 407, A3 towers, Paola. Id-derubata pprovdiet kopja tas-CCTV footage minn camera li ghandha fuq il-bieb ta' barra tal-appartament. Dan il-footage gie ezaminat mill-esperti mahtura waqt l-inkjesta magisterjali li pprezentat ir-rapporti mahlufin minnhom. Mill-footage u l-istills in atti tidher persuna li kemm il-Pulizija Ezekuttiva kif ukoll id-derubata gharfu li kien l-Imputat permezz tal-pearcing f'wiccu u t-tattoo tieghu fuq il-wicc ta' idu. Ghall-Pulizija Ezekuttiv dak tal-Imputat ma kienx wicc gdid peress li kien maghruf sew mal-Pulizija. Id-derubata gharfitu persess li kienet tafu di vista. Din l-Onorabbli Qorti fliet bir-reqqa l-istills numri 7, u 8 u bhalma osserva fix-xiehda taghha d-derubata l-

[27] A fol. 425
[28] A fol. 181
[29] A fol. 107 [ Dok. FF4 ]

Intimat jidher ftit qabel il-hamsa nieqsin tnax-il minuta quddiem il-bieb ta' barra taghha minghajr baskett. Fl-istills numri 10, 11 u 12, l-Imputat jidher ghaddej minn quddiem il-bieb ta' barra tal-appartament igorr basket[30]. Fix-xiehda guramentata taghha, d-derubata gharfet il-basket tal-marka Guess li kien nieqes mill-appartament taghha. Mix-xiehda tar-rappreszentant tal-kumpannija tal-komunikazzjoni Go p.l.c., irrizulta li l-mobile phone tal-Imputat kien gie rintraccjat fl-inhawi tas-sit fejn sehhet is-serqa.

IKKUNSIDRAT

L-Avukat Generali qed jakkuza lill-Imputat bi htijiet ikkontemplati taht:

1. l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 278 (1) (2) (3), 279 (a) (b), 280 (1) (2) u 281 (a) tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta];
2. L-Artikoli 22 (1) (2) (3) u 23 (1) (a) (2) tal-Att dwar il-Probation [Kapitolu 446, Ligijiet ta' Malta];
3. L-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta];
4. L-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta].

Ghar-rigward l-Artikoli elenkati fil-paragrafu 1, mill-provi jirrizulta li s-serqa saret kwalifikata bil-mezz, il-valur u l-lok stante illi sar sgass biex l-Imputat seta' dahal fl-appartament de quo, id-derubata xehdet li kien dahal minn wara tal-appartament; hija xehdet ukoll dwar il-valur tal-gojjellerija li kienet insterqitilha kienu ferm iktar mill-ammont ta' €232.94. Is-serqa saret mir-residenza tad-derubata.

Il-Prosekuzzjoni pprezentat ghadd ta' sentenzi, ta'din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta : tal-24 ta' Marzu 2014 ippresjeduta mill-Magistrat Dr Ian Farrugia; dik tat-3 ta' Mejju 2012 ippresjeduta mill-Magistrat Dr

[30] A fol. 211 sa fol. 215

Saviour Demicoli; dik tat-18 ta' Gunju 2012 ippresjeduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri; dik tal-25 ta' Jannar 2013 ppresjeduta mill-Magistrat Dr Marse-Ann Farrugia; dik tat-12 ta' Ottubru 2012 ppresjeduta mill-Magistrat Antonio Mizzi;
li permezz taghhom l-Imputat kien gie misjub hati u tali sentenzi huma definittivi. Ghaldaqstant gie ppruvat li l-Imputat hu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda kkulurita.

Rigwardanti l-ispejjez inkorsi jirrizulta is-segwenti:

| Espert | Ewro |
|---|---|
| Dr Katya Vassallo (fol 172) | 14.25 |
| Dr Robert Musumeci (fol 33 proces verbal) | 761.57 |
| PC 1525 Patrick Farrugia (fol45 tal-proces verbal) | 159.55 |
| Dr Martin Bajada ( fol 92) | 1101.18 |
| Joseph Mallia (fol 421) | 510.83 |
| PC844 C Mallia (fol 333) | 131.76 |
| Total | **2679.14** |

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269 (g), 278 (1) (2) (3), 279 (a) (b), 280 (1) (2) u 281 (a) tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta]; l-Artikoli 22 (1) (2) (3) u 23 (1) (a) (2) tal-Att dwar il-Probation [Kapitolu 446, Ligijiet ta' Malta]; L-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta]; l-Artikoli 15A, 17, 20, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali [Kap. 9, Ligijiet ta' Malta], din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi Imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja effettiva ta' hames snin (5) li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa nzamm taht arrest preventiv in

konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza.

Finalment bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' elfejn u sitt mija u disgha u sebghin ewro u sbaghtax -il centezma (€2679.17) rappreżentanti spejjez peritali.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**